

31987D0266

L 126/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.5.1987

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Mejju 1987

**li tirrikonoxxi li l-iskema ta' l-eżami mediku ta' l-impjegati mibgħuta mill-Olanda toffri garanziji ekwivalenti**

(87/266/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/587/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 24, Kapitolu IV ta' Anness I hemm meħmuż,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE <sup>(3)</sup> tal-15 ta' Frar 1971 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ fil-laħam frisk tat-tjur, kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85/KEE <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 12, Kapitolu III ta' Anness I hemm meħmuż,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti tal-laħam <sup>(5)</sup>, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85, u b'mod partikolari l-punt 17, Kapitolu II ta' Anness A hemm meħmuż,

Billi l-punt 24, Kapitolu IV, Anness I li jinsab mad-Direttiva 64/433/KEE, il-punt 12, Kapitolu III, Anness I li jinsab mad-Direttiva 71/118/KEE, u l-punt 17, Kapitolu II, Anness A li jinsab mad-Direttiva 77/99/KEE jipprovdu li l-Kummissjoni, skond il-proċeduri stipulati f'Artikoli 16, 12a u 19 ta' l-imsemmija Direttivi, rispettivament, tirrikonoxxi skema ta' eżami mediku ta' l-impjegati li toffri garanziji ekwivalenti għal dawk bażati fuq it-tiġdid fis-sena taċ-ċertifikat mediku;

Billi l-awtoritajiet ta' l-Olanda, bl-ittri ta' l-20 t'Ottubru 1986 u tat-13 ta' Frar 1987, u bil-komunikazzjoni tal-25 ta' Marzu 1987, avżaw lill-Kummissjoni bi skema alternattiva ta' eżami mediku;

Billi, wara eżami waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Veterinarji tal-25 ta' Marzu 1987, din l-iskema alternattiva kif preżentata fl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni tista' tkun ikkunsidrata li toffri l-garanziji ekwivalenti għal dawk ibbażati fuq it-tiġdid ta' kull sena taċ-ċertifikat mediku;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iskema ta' l-eżami mediku għall-ħaddiema impjegati biex jaħdmu ma' jew jimmaniġġjaw il-laħam frisk, il-laħam frisk tat-tjur u l-prodotti tal-laħam proposta mill-Olanda kif stipulata fl-Anness hija b'dan rikonoxxuta li toffri l-garanziji ekwivalenti għal dawk bażati fuq it-tiġdid kull sena taċ-ċertifikat mediku.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 1987.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESEN

*Vċi-President*

<sup>(1)</sup> ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.

<sup>(2)</sup> ĠU L 339, tat-2.12.1986, p. 26.

<sup>(3)</sup> ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.

<sup>(4)</sup> ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.

<sup>(5)</sup> ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.

## ANNEX

**SKEMA ALTERNATTIVA TA' EŻAMI MEDIKU GĦALL-ĦADDIEMA GĦALL-PERSUNI IMPJEGATI BIEX JAHD MU MA' JEW JIMMANIĠĠJAW IL-LAĦAM FRISK, IL-LAĦAM FRISK TAT-TJUR U L-PRODOTTI TAL-LAĦAM IPPREŻENTATA MILL-AWTORITAJIET TA' L-OLANDA****A. Eżami mediku qabel ma jibda l-impjeg**

Is-saħħa ta' kull persuna li għandha tiġi impjegata biex timmaniġġja l-laħam, il-laħam tat-tjur jew prodotti tal-laħam għandha tkun eżaminata. L-imsemmi eżami għandu jkun kondizzjoni minn qabel jibda dak l-impjeg.

Il-kontroll tas-saħħa, li fuq il-bażi tar-riskju tal-kontaminazzjoni mill-persuna kkonċernata huwa eżaminat, irid jinkludi nkjesta fl-istorja medika mwettqa permezz ta' kwestjonarju (ara taħt E), li trid tkun eżaminata minn tabib, u eżami mediku ġenerali mwettqa minn tabib mediku.

Dak l-eżami mediku jista', jekk it-tabib ikkonċernat jikkunsidra li huwa meħtieġ, jinkludi numru ta' testijiet.

**B. Eżami ta' rutina (kull sena)**

Kull meta s-servizz ta' l-awtoritajiet mediċi kkonċernat (konness ma' impriża) jikkunsidra li jkun meħtieġ, b'mod partikolari meta suspett jeżisti dwar il-mard imniżżel fil-kwestjonarji taħt E u F, iżda mill-anqas darba fis-sena, is-saħħa tal-ħaddiema riferuta f'A trid tkun eżaminata permezz ta' kwestjonarju (ara taħt F).

Il-kwestjonarju, meta jitlesta mill-persunell, għandu jintbagħat lill-awtoritajiet mediċi kkonċernati. It-tabib inkarigat irid jiffirma din id-dikjarazzjoni, b'hekk itawwal iċ-ċertifikat mediku għal sena. Jekk it-tabib mediku, fuq il-bażi tal-kwestjonarju jew fuq il-bażi ta' xi informazzjoni oħra jikkunsidra li hemm bżonn aktar eżami mediku, il-possibbiltà li ċ-ċertifikat jittawwal tista' ssir biss wara li r-riżultati ta' dak l-eżami jkun sar disponibbli. Dak l-eżami jista', jekk it-tabib ikkonċernat jikkunsidra li huwa meħtieġ, jinkludi numru ta' testijiet.

Meta jkun hemm ġustifikazzjoni fuq bażi ta' epidemjoloġiċi jew kliniċi, is-servizz mediku (konness ma' impriża) jiżgura li l-persuni li huma sors possibbli ta' kontaminazzjoni ma jitħallewx jaħdmu jew imissu l-laħam frisk, il-laħam tat-tjur jew il-prodotti tal-laħam.

**Ċ. Gwida fi kwisjoni jiet ta' l-iġjene**

Kull min jaħdem ma' jew imiss il-laħam frisk, il-laħam tat-tjur jew il-prodotti tal-laħam irid jgħaddi minn taħriġ xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà tiegħu/tagħha fi kwisjoni jiet ta' l-ikel u ta' l-iġjene personali.

**D. Aktar kummenti**

Għalkemm ċertifikat tas-saħħa mħejji qabel jibda l-impjeg ma joffri l-ebda garanzija assoluta li l-persuna kkonċernata mhux se tkun sors ta' kontaminazzjoni, huwa importanti, fil-bidu ta' l-impjeg, li l-attenzjoni tingħeb lejn aspetti essenzjali tas-saħħa pubblika bħar-responsabbiltà fil-kwisjoni jiet ta' l-iġjene ġenerali u l-obbligu li tkun irrapurtata kull marda li tista' tittieħed matul il-perjodu ta' l-impjeg.

F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li l-persuna kkonċernata hija informata biżżejjed fir-rwol tagħha bħala trasmittenti tal-mard.

L-eżami mediku ta' rutina (li normalment isir kull sena) tal-ħaddiema impjegati biex jaħdem fil-laħam, fil-laħam tat-tjur u fil-prodotti tal-laħam ilu jittwettaq għal ħafna snin f'numru ta' pajjiżi, bl-għan li jitnaqqas ir-riskju tal-mikro-organiżmi patoġeniċi li jkunu trasmessi lill-konsumatur mil-laħam, mil-laħam tat-tjur jew mill-prodotti tal-laħam mill-persuna kkonċernata.

F'laqgħat varji internazzjonali l-mistoqsija tqajmet jekk dawk l-eżamijiet ta' rutina, b'mod partikolari tal-feċi, għandhomx neċessarjament jiffurmaw parti mill-miżuri biex jiproteġu l-konsumatur kontra mard li jittieħed li jistgħu jkunu trasmessi mil-laħam, mil-laħam tat-tjur jew mill-prodotti tal-laħam li jkun immaniġġjat ħażin. Il-valur ta' l-eżami ta' rutina tal-feċi għall-batterja intestinali patoġenika, b'mod partikolari, hu kkontestat ripetutament.

Joħroġ mill-istudju tar-rapporti tal-laqgħat fuq imsemmija li l-eżamijiet ta' rutina, b'mod partikolari tal-kampjuni tal-feċi, bl-ebda mod sinjifikanti ma jikkontribwixxu lejn il-prevenzjoni tal-mard li jittieħed milli jkun trasmess lill-konsumatur permezz tal-laħam, tal-laħam tat-tjur jew tal-prodotti tal-laħam; fi kliem ieħor, l-eżami f'intervalli regolari tal-feċi u l-awrina tal-ħaddiema għas-Salmonella u għax-Shigellae m'għadux kunsidrat rilevanti. Għandu jkun hemm eżami biss meta jkun ġustifikat fuq bażi epidemjoloġiċi jew klinika.

**E. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għall-persuni li jibdew l-impjeg fl-industrija ta' l-ikel***(Dan iċ-ċertifikat għandu jmtela fil-preżenza ta' tabib)*

Isem u l-ewwel isem:

Data u post tat-twelid:

Indirizz:

Tabib tad-ditta jew tabib tal-familja:

Qatt bagħtejt jew tbaġhti minn:

Iva

Le

(a) Deni tat-tifojde

(b) Paratyphus

(c) Tuberkolożi

(d) Marda tal-ġilda li tittieħed jew infettuża

Jekk iva, liema:

(e) Mard ieħor li jittieħed

Jekk iva, liema:

Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li tajt l-informazzjoni ta' hawn fuq sa fejn naf l-aħjar.

Post:

Id-Data:

.....  
Firma

Dan hawn taħt iffirmat jiddikjara li matul il-perjodu ta' impjeg tiegħu huwa jirraporta minnufih lill-amministrazzjoni u lis-servizz mediku ta' l-impriża kull marda li tittieħed li qed ibagħti jew jaħseb li qed ibagħti minnha.

Post:

Id-Data:

.....  
Firma

Hawn taħt iffirmat

Tabib

jiddikjara li eżamina lis-Sinjura/Sinjinorina/Sur ..... illum u huwa ta' l-opinjoni, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ta' hawn fuq u r-risultati ta' l-eżamijiet li saru fuq it-talba tiegħu, li m'hemmxx impediment għall-impjeg tiegħu/tagħha.

Post:

Id-Data:

.....  
Firma

### F. Ċertifikazzjoni tas-saħħa għall-persuni impjegati fl-industrija ta' l-ikel

(Din iċ-ċertifikazzjoni għandha titwassal (debitament mimlija) lis-servizz mediku ta' l-impriera)

Isem u l-ewwel isem:

Data u post tat-twelid:

Indirizz:

Tabib tad-ditta jew tabib tal-familja:

Qatt baghtejt jew tbagħti minn:

Iva Le

(a) Deni tat-tifojde

(b) Paratyphus

(c) Tuberkolożi

(d) Marda tal-ġilda li tittieħed jew infettuża  
Jekk iva, liema:

(e) Xi mard ieħor li jittieħed  
Jekk iva, liema:

Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li tajt l-informazzjoni t'hawn fuq sa fejn naf l-aħjar.

Post:

Id-Data:

.....  
Firma

Hawn taħt iffirmat

Tabib

jiddikjara, fuq il-bażi ta'

(\*) l-informazzjoni t'hawn fuq,

u

(\*) ir-riżultati ta' l-eżamijiet li saru fuq it-talba tiegħu li ma hemm ebda impediment biex jittawwal iċ-ċertifikat mediku ta'.

is-Sinjura/is-Sinjinorina/is-Sur .....

Post:

Id-Data:

.....  
Firma

(\*) Aqta' fejn ma japplikax.